II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-5 ta' Settembru 2007

li twaqqaf grupp ta' djalogu għall-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi

(2007/602/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 153 tat-Trattat jagħti lill-Komunità l-missjoni li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, kif ukoll li tippromwovi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni u li jorganizzaw lilhom infushom għall-ħarsien ta' l-interessi tagħhom. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni għall-konsumaturi għandhom jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra Komunitarji.

(2) B'konformità mal-Protokoll (Nru 30) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (1997) ([1]), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta b'mod wiesa' qabel ma tipproponi leġiżlazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni ħadet ir-responsabbiltà, fil-*White Paper* tagħha dwar il-Governanza Ewropea ([2]), li tgħin fit-tisħiħ tal-kultura ta' konsultazzjoni u djalogu fil-Komunità.

(4) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu: Segwitu għall-*Green Paper* "Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza" ([3]) ħabbret l-intenzjoni li ttejjeb aktar il-livell ġenerali tal-kwalità tal-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(5) Bl-għan li jagħtu parir lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tirrikorri għall-kompetenza ta' speċjalisti li jiltaqgħu fi grupp konsultattiv.

(6) Huwa għalhekk meħtieġ li jitwaqqaf grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi u li jiġu ddefiniti l-mandat u l-istruttura tiegħu.

(7) Il-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-aħjar prattiċi fil-proċess ta' konsultazzjoni u jgħinha wkoll biex tadatta aħjar il-proċessi tagħha li jinvolvu l-partijiet interessati għall-ħtiġijiet tagħhom fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

(8) Il-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati għandu jkollu rappreżentanza bbilanċjata ta' partijiet interessati, kemm mill-industriji (federazzjonijiet u kumpaniji individwali) kif ukoll minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, ikkonċernati mid-diversi oqsma tal-politiki koperti mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi.

([1]) ĠU C 321 E, 29.12.2006, p. 308.
([2]) COM(2001) 428 finali.
([3]) COM(2007) 127 finali.

(9) Il-membri tal-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati għandhom jinħatru b'tali mod li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' kompetenza, firxa wiesgħa ta' ħila rilevanti u, konsistenti ma' dawn il-kriterji, l-akbar tqassim ġeografiku wiesa' possibbli fi ħdan il-Komunità, kif ukoll bilanċ bejn irġiel u nisa.

(10) Regoli dwar ix-xandir ta' informazzjoni mill-membri tal-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati għandhom jiġu pprovduti f'din id-Deċiżjoni. Dawn ir-regoli ma għandhomx ikunu ta' preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà kif stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tad-29 ta' Novembru 2001 li jemenda r-Regoli Interni tal-Proċedura [1].

(11) Id-*data* personali kollha relatata mal-membri tal-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati għandha tkun ipproċessata b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* [2],

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati

Il-grupp ta' djalogu tal-partijiet interessati, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-grupp", hu permezz ta' dan stabbilit b'effet mill-10 ta' Ottubru 2007.

Artikolu 2

Missjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-grupp dwar kull kwistjoni relatata mat-titjib ġenerali tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati fl-oqsma tas-saħħa pubblika u tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

2. Il-missjoni tal-grupp se tkun li:

(a) jikkunsidra l-kwistjoni tar-rappreżentanza tal-partijiet interessati;

(b) jiddiskuti l-kwistjoni ta' l-asimmetriji tal-partijiet interessati u jagħti parir lill-Kummissjoni dwar metodi possibbli ta' konsultazzjoni li jirrispettaw u jadattaw għall-kuntest tal-partijiet interessati;

(ċ) jeżamina l-kriterji għall-konsultazzjonijiet, li għandhom bzonn aktar flessibilità u qafas ta' żmien itwal (aktar minn tmien ġimgħat);

(d) jikkunsidra r-rwol tal-pjattaformi nazzjonali billi jibni l-kapaċità ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi mill-Istati Membri li ssieħbu fil-Komunità fl-2004 u 2007 u jeżamina r-rwol ta' l-Istati Membri fir-relazzjonijiet maċ-ċittadini fil-livell lokali.

3. Il-president tal-grupp jista' jagħti parir lill-Kummissjoni biex tikkonsulta l-grupp dwar kwistjoni speċifika.

Artikolu 3

Shubija - Ħatra

1. Il-membri tal-grupp, "il-membri", għandhom jinħatru mill-Kummissjoni fost speċjalisti b'kompetenzi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 2(2) u li wieġbu għas-sejħa ta' espressjoni ta' interess.

2. Il-grupp għandu jkun magħmul minn massimu ta' 20 membru.

3. Il-membri jinħatru f'kapaċità personali u għandhom jagħtu parir lill-Kummissjoni indipendentement minn kull influwenza esterna.

4. Il-Membri għandhom jinħatru b'mandat li ma jiġġeddidx għal perjodu ta' erba' snin. Madankollu, fir-rigward ta' l-ewwel ħatra biss, nofs il-membri għandhom jinħatru b'mandat li ma jiġġeddidx għal perjodu ta' sentejn. Il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sa meta jiġu sostitwiti jew jispiċċalhom il-mandat.

5. Il-membri li ma jibqgħux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fil-ħidmiet tal-grupp, li jippreżentaw ir-riżenja tagħhom jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jew l-Artikolu 287 tat-Trattat jistgħu jiġu sostitwiti għall-kumplament tal-perjodu taż-żmien li jkun fadallu l-mandat tagħhom.

6. Il-membri maħtura f'kapaċità personali għandhom jiffirmaw kull sena dikjarazzjoni fejn jistqarru li huma jaġixxu fl-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kull interess li jista' jaffettwa l-indipendenza tagħhom.

7. L-ismijiet ta' membri maħtura f'kapaċità personali għandhom jiġu ppubblikati fis-sajt ta' l-Internet tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi. L-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

[1] ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/548/KE (ĠU L 215, 5.8.2006, p. 38).
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Artikolu 4

Operat

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-presidenza tal-grupp.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw il-mistoqsijiet speċifiċi skond it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp. Kif jintemm il-mandat tagħhom gruppi simili għandhom jiġu xolti.

3. Il-president jista' jistaqsi esperti jew osservaturi ta' kompetenza speċifika dwar suġġett fuq l-aġenda biex jipparteċipaw fid-deliberazjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp jekk dan ikun utli u/jew meħtieġ.

4. Informazzjoni akkwistata permezz ta' partiċipazzjoni fil-ħidmiet ta' grupp jew sottogrupp ma għandhiex tixxandar jekk il-Kummissjoni tistqarr li tali informazzjoni hi marbuta ma' kwistjonijiet konfidenzjali, bla preġudizzju għall-Anness għad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom.

5. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu għandhom normalment jiltaqgħu fl-istabbilimenti tal-Kummissjoni skond il-proċeduri u l-iskeda stabbilita minnha. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-servizzi ta' segretarjat. Uffiċjali oħrajn tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u s-sottogruppi tiegħu.

6. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli standard ta' proċedura tal-grupp ta' esperti adottati mill-Kummissjoni [1].

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sajt ta' l-Internet tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi, bil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kull ġabra fil-qosor, konklużjoni, jew konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

Artikolu 5

Spejjeż tal-laqgħat

L-ispejjeż tal-vjaġġ u, fejn meħtieġ, tas-sussistenza għall-membri, l-esperti u l-osservaturi fl-ambitu ta' l-attivitajiet tal-grupp għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni b'konformità mar-regoli tal-Kummissjoni dwar ir-rimborż ta' spejjeż għal esperti esterni.

Il-membri, l-esperti u l-osservaturi ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi mogħtija.

L-ispejjeż tal-laqgħat jiġu rimborżati fil-limiti tal-baġit annwali allokat għall-grupp mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Settembru 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] Anness III għas-SEC(2005)1004.